**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

24 ta' Settembru, 2023

# LEJN IS-SINODU

Il-Knisja qiegħda tħejji għas-Sinodu li se jsir ftit jiem oħra, fix-xahar ta' Ottubru. Dan is-Sinodu għandu bħala tema IS-SINODALITÀ. Jiġifieri l-Knisja se tagħmel riflessjoni, li tkompli anke fl-2024, biex hija stess issir aktar sinodali. Hemm tliet temi ġenerali li se jiġu diskussi: **KOMUNJONI, MISSJONI u PARTEĊIPAZZJONI**. B'komunjoni nifhmu li għandna naċċettaw lil kulħadd, inkunu umli u lesti li nitolbu maħfra. Il-kelma MISSJONI tfakkarna li kull Nisrani, għall-fatt stess li huwa mgħammed fi Kristu, għandu jagħti s-sehem tiegħu għall-ġid tal-komunità Nisranija u anke għal dawk li huma barra mill-Knisja. Il-kelma PARTEĊIPAZZJONI tfakkarna li wieħed għandu jkun imsieħeb u mismugħ fid-deċiżjonijiet li jsiru u fil-ħidma li titwettaq.

Sinodu 2021 2024

Lejn Knisja Sinodali

komunjoni | parteċipazzjoni | missjoni

S'issa sar ħafna xogħol fid-djoċesijiet individwali u fil-konferenzi episkopali u anke fuq livell kontinentali. Pereżempju, il-pajjiżi tal-Asja u l-Oċeanja ltaqgħu u ħarġu b'dokument kull kontinent. U l-istess għamlu l-knejjes fil-kontinenti l-oħrajn.

Is-Sinodu fuq is-Sinodalità se jkollu żewġ sessjonijiet. Is-sessjoni ta' din is-sena se ssir bejn l-4 u d-29 ta' Ottubru 2023.

Aħna bħala parruċċani għandna nagħmlu talb individwalment, fil-familja u bħala komunità, biex is-Sinodu jġib aktar għaqda fil-Knisja u l-Insara jħossuhom aktar milqugħin u responsabbli tal-ħidmiet li ħdan l-istess Knisja.

*L-Arċipriet Jimmy Xerri*

## FULJETTI BIT-TALBA TAR-RUŻARJU LILL-FAMILJI KOLLHA



Ma' din il-ħarġa tal-Bullettin il-parroċċa qed tqassam fuljett bit-talba tar-Rużarju sħiħa bil-għan li, issa li daqt jibda x-xahar ta' Ottubru, aktar familji jibdew jirreċtaw din it-talba sabiħa lill-Madonna flimkien.

## ĠRANET U ĦINIJIET TA' TAGĦLIM FL-OQSMA TAL-MUŻEW U Ċ-ĊENTRU
### mit-Tnejn 2 t'Ottubru 2023

### BNIET

**L-ewwel xift: mill-4:30pm sal-5:05pm**

Year 1 - It-Tlieta

Years 2 u 3 - It-Tnejn u l-Ħamis

Year 4 - It-Tlieta u l-Ġimgħa

**It-tieni xift: mis-5:45pm sas-6:20pm**

Year 5: It-Tlieta u l-Ġimgħa

Year 6: It-Tnejn u l-Ħamis

Year 7 (Form 1): It-Tnejn u l-Ġimgħa

Years 8 u 9 (Forms 2 u 3): It-Tlieta

Year 10 (Form 4): Il-Ħamis

F'każ ta' diffikultà tistgħu ċċemplu fuq in-numru tat-telefon: 21564325.

### SUBIEN

**Primarja:**

Years 1, 3 u 5 nhar ta' Tnejn u Ħamis

Years 2, 4 u 6 nhar ta' Tlieta u Ġimgħa

Il-grawnd jinfetaħ fil-5:30pm. **Il-lezzjoni ssir bejn is-6:00pm u s-6:30pm.** Wara nwassluhom bil-vann.

**Middle School/Sekondarja (minn Year 7 sa Year 11):**

Kull nhar ta' Tnejn, Tlieta, Ħamis u Ġimgħa.

Il-grawnd jinfetaħ fis-6:30pm. **Il-lezzjoni ssir bejn is-7:00pm u s-7:30pm.** Wara nwassluhom bil-vann.

Kull nhar ta' Ħadd ikollna passiġġata li nitilqu mill-qasam fit-3:00pm.

### NTYC

**Laqgħat**

Form 2: L-Erbgħa fis-6:00pm

Forms 3-5: L-Erbgħa fit-8:00pm

16plus: Il-Ħamis fit-8:00pm

18plus: It-Tlieta fit-8:00pm (Malta)

**Prayer Group**

15plus: il-Ġimgħa fit-8:00pm

Il-quddiesa tal-bidu tas-sena taż-żgħażagħ se tkun il-Ħadd 1 t'Ottubru 2023 fil-11:00am, u ser tieħu l-forma ta' rock mass, b'mużika differenti.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am